MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta ta' l-14 ta' April, 2005

Talba Numru. 374/2003

Anglu Xerri Ltd

**Vs**

**Ronnie Said u b'digriet tat-12 ta' Mejju 2005 gew kjamati in kawza Victor Aquilina u E.W. Enterprises Ltd**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta' Frar 2003 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm1385.67 (elf tlett mija hamsa u tmenin centezmu u sebgha u sittin centezmu) dovuti ghal merkanzija mibjugha u kkonsenjata.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Hlas ta' Lm1385.72 bhala bejgh ta' haxix, frott u prodotti ohra lill-konvenut meta kien qed jiggestixxi Barbarella Restaurant li huwa fuq is-Saddles, San Giljan.

Il-konvenut baqa jirrifjuta li jhallas dan l-ammont.

Ra r-risposta fejn inghad:-

Illi, fl-ewwel lok u minghajr pregudizzju, il-proceduri odjerni huma intempesturi stante illi ma kien hemm ebda talba permezz ta’ ittri legali u/jew ittri gudizzjarji ghal hlas tas-somma pretiza u, ghaldaqstant, l-ispejjez gudizzjarji ta’ l-istess proceduri ghandhom jigu sapportati unikament mis-socjeta` attrici.

Illi l-konvenut m’huwiex il-legittimu kontradittur illi effettwament, ma kienx qed jiggestixxi Barbarella Restaurant izda kien gie impjegat bhala manager minn Victor Aquilina (sid il-Barbarella Restaurant) kif jirrizulta mid-dokumenti hawn anness u mmarkat Dok RS1 u RS2 u kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi ghaldaqstant, ghall-integrita u ghall-ekonomija tal-gudizzju hemm lok li jigi kjamat in kawza Victor Aquilina (sid il-Barbarella Restaurant) u/jew E.W. Enterprises.

Illi fil-mertu, t-talbiet attrici huma infondati fid-Dritt fil-konfront tal-konvenut kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi s-socjeta` attrici qed tittenta tigbor flusha wara li forniet il-Barbarella Restaurant fuq struzzjonijiet tal-konvenut bi prodotti ghal konsum. La l-konvenut u wisq anqas il-kjamat fil-kawza ma kkontestaw il-formitura u/jew il-valur taghha. Id-dibattitu gie koncernat fuq min kien tenut li jhallas lis-socjeta` attrici.

Jigi ribadit li din il-vertenza hija sitwazzjoni rikorrenti fejn jidhol dan il-qasam ta’ “catering”. Kieku gie stabbilit “ab

initio" anke mis-socjeta` attrici min kellu jkun responsabbli kieku ma kienx ikun hemm necessita ta' dawn il-proceduri. In-nuqqas tal-konvenut huwa lampanti ukoll. Kien fid-dover tieghu li jinforma lil formituri tieghu min kien responsabbli, mhux ghall-ordnijiet, imma ghal hlas eventwali taghhom. Dana huwa aktar importanti anzi essenzjali meta jista` jkun hemm relazzjoni lavorattiva bejn il-partijiet, li ghalkemm il-fornitur ikun estranju. Mhux lecitu u/jew gust li formitur ikollu joqghod jinkwieta u jigri ghal flusu. Ir-relazzjoni interna esistenti bejn il-konvenut u l-kjamat fil-kawza hija "res inter alios acta" ghas-socjeta` attrici. Mhux il-kompitu ta' dan it-Tribunal a skapitu u spejjes tas-socjeta` attrici li joqghod jinvestigha. Dana ghandu jsir f'forum iehor bejniethom ad eskluzjoni tas-socjeta` attrici.

Stante li l-kontijiet ma gewx kontestati qed jigu accettati. Jirrizulta li s-socjeta` E.W. Enterprises Ltd hija totalment estranja ghal dak li kien qed jissucciedi.

Jiddeciedi billi fil-waqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvneut u tal-kjamat Victor Aquilina jillibera lill-istess socjeta` kjamata fil-kawza mill-osservanza tal-gjudizzju, jilqa` t-tlbiet attrici u jikkundannhom ihallsu in solidum is-somma ta' elf, tlett mija tmienja u hamsin Lira u sebgha u sittin centezmu (Lm1385.67) lis-socjeta` attrici, li dan b'riserva ghalihom li jirregolaw il-posizzjoni taghhom "si et quantenus" fil-konfront ta' xulxin, bl-ispejjes u interessi kontrihom kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------